MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 17/2010

Avviz Numru 17/2010

Thomas Smith Insurance Agency Limited bhala agenta f'Malta tas-socjeta' estera 'Societa' Italiana Assicurazione e Ri-Assicurazione, SIAT, s.p.a.' (C 5637)

vs

Clinton Spiteri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-13 ta' April 2010, li permezz tieghu s-socjeta' assiguratrici Thomas Smith Insurance Agency Limited qed titlob li l-konvenut Clinton Spiteri jigi kkundannat ihallasha l-ammont totali ta' sebgha mija u tnejn u tmenin euro u seba' u tmenin euro centezmi (€782.87c) rapprezentanti  in kwantu ghal hames mija u tmienja u tmenin euro centezmi (€508.88) id-dritt tal-avukat tat-terz flimkien mal-hlas tal-VAT fuq dan id-dritt li

tammonta ghal tmienja u tletin Euro u disa' u disghin euro centezmi (€38.99) ohra, u l-ispejjez tal-arbitragg illi gew inkorsi inutilment u proprju minhabba n-nuqqas tal-konvenut illi jimla l-*claim form* u jaghti l-kunsens tieghu sabiex is-socjeta' assiguratrici tkun tista' thallas id-danni reklamati mit-terz – total ta' hames mija u seba' u erbghin Euro u sebgha u tmenin euro centezmi (€547.87), kif ukoll l-ammont ta' mitejn u hamsa u tletin Euro (€235) ohra dovuti bhala hlas tal-*excess* fit-termini tal-polza tas-sigurta' li kellu l-konvenut mas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez gudizzjarji nkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tas-26 ta' Gunju 2009, kif ukoll l-interessi fuq is-somma dovuta ;

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fil-11 ta' Gunju 2010, li tghid hekk :-

'Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet li ttrattaw il-kawza ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Il-meritu tal-kawza attrici jikkoncerna talba ghall-hlas tas-somma fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u tmenin Euro u sebgha u tmenin centezmi (€782.87) li s-socjeta' attrici qed tirreklama minghand il-konvenut in parti tal-ispejjez legali kollha konnessi mal-proceduri tal-arbitragg li giet kostretta li thallas lit-terz wara li l-konvenut kien gie ddikjarat responsabbli ta' kollizjoni li grat fis-26 ta' Jannar 2008, fi Triq Iz-Zebbug, Victoria, Ghawdex, u gie kkundannat ihallas kemm id-danni kif ukoll l-ispejjez tal-

arbitragg, u bhala l-kumpannija assiguratrici li maghha l-konvenut dak iz-zmien kien assigurat, kienet obbligata taht il-ligi li thallas dawn l-ispejjez u d-danni li kienu gew likwidati, u l-kumplament huwa l-hlas tal-*excess* li l-konvenut kien baqa' ma hallasx lis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-*claim* ghall-hlas tal-hsara sofferta f'dan l-accident li kienet saret lilha mit-terz ;

Ghas-socjeta' attrici r-responsabbilita' ghal dan l-accident tat-traffiku kienet wahda cara u kienet f'pozizzjoni li taccetta t-tort u thallas id-danni kollha li gew sofferti mit-terz li kieku l-konvenut accetta r-responsabbilita', u qabad u mela' l-*claim* form mal-ewwel, u hallas l-*excess*, u ta l-kunsens tieghu biex is-socjeta' attrici thallas id-danni, u ma kien ikun hemm ebda htiega li l-kaz kellu jispicca quddiem l-arbitragg bil-konsegwenza li s-socjeta' attrici kellha thallas ukoll l-ispejjez legali konnessi ma' dawk il-proceduri u tal-avukat tat-terz. Huwa evidenti mill-atti li l-konvenut ftit jew xejn ha nteress sabiex il-kumpannija assiguratrici tieghu tfittex thallas dawn id-danni u ghalih kien bizzejjed li ghadda lill-kumpannija assiguratrici tieghu l-ittra nterpellatorja li kien baghat permezz tal-avukat tal-fiducja tieghu lit-terz li mieghu kien involut fl-accident bla ma kompla segwa l-kaz la mal-avukat tieghu u lanqas mal-kumpannija assiguratrici tieghu tant li lanqas l-*claim form* baqa' ma mar mela' u lanqas il-flus tal-*excess* baqa' ma hallas kif kien obbligat li jaghmel taht il-polza tas-sigurta' tieghu. Ghalhekk l-ispejjez zejda li s-socjeta' attrici kellha thallas in konnessjoni mal-proceduri tal-arbitragg ghandu jbaghtihom kollha l-konvenut billi dawn kienu spejjez li setghu facilment jigu skansati li kieku l-konvenut ta ftit kaz, kif ukoll il-hlas tal-*excess* biex infethet u giet ipprocessata l-*claim* dwar l-accident taht il-polza tal-assigurazzjoni li l-konvenut dak iz-zmien kellu mas-socjeta' attrici. Il-konvenut fix-xhieda tieghu bl-ebda mod ma kkontesta l-fatt li l-flus tal-*excess* ma kienx hallashom jew li l-hlas tal-*excess* kien f'ammont inqas minn dak li kien gie mitlub li jhallas taht il-polza tas-sigurta' tieghu ;

It-talba tas-socjeta' attrici hija gustifikata u timmerita ghalhekk li tigi milqugha, b'dan illi l-ispejjez tal-arbitragg skond it-taxxa esibita mill-istess socjeta' attrici,

jammontaw ghal €508.08 u mhux ghal €508.88 (eskluza l-VAT fuq id-dritt tal-avukat) ;

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) tal-Kap.380 u 9C tal-Kap.104 ;

Jiddeciedi ghaldaqstant billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ sebgha mija u tnejn u tmenin Euro u seba’ centezmi (€782.07) rapprezentanti l-ispejjez legali kollha konnessi mal-arbitragg numru M1608/2008 li s-socjeta’ attrici kellha thallas lit-terz u bil-VAT fuq id-dritt tal-avukat, u l-hlas tal-*excess* taht il-polza ta’ assigurazzjoni tal-konvenut li huwa kien baqa’ ma hallasx, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici din is-somma, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez ta’ dawn il-proceduri kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------